# QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) ta' l-24 ta' April 2008 — Dalmasso vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-61/05)** [1]

***(Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Reklutaġġ — Klassifikazzjoni fi grupp ta' funzjoni — Talba għal reviżjoni tal-klassifikazzjoni u tar-remunerazzjoni stabbiliti matul ir-reklutaġġ — Ex membru tal-persunal awżiljarju mqabbad bħala membru tal-persunal bil-kuntratt — Artikolu 3(a) u Artikolu 80(2) u (3) tar-RAA, Inkarigi li jaqgħu taħt gruppi differenti ta' funzjoni — Ugwaljanza ta' trattament — Rikors infondat)***

(2008/C 209/122)

*Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Raffaele Dalmasso (Schaerbeek, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat]

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

*Intervenjent in sostenn tal-konvenuta:* Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Arpio Santacruz u I. Scule, aġenti)

**Suġġett**

Servizz Pubbliku — Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċiħad it-talba mressqa mir-rikorrent, li qabel kien membru tal-persunal awżiljarju, kontra d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni u r-remunerazzjoni tiegħu bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni (li qabel kienet T-269/05)

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 229, 17.9.2005, p. 30 (Kawża inizjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-269/05 u ttrasferita lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' digriet tal-15.12.2005).

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Seduta Plenarja) ta' l-24 ta' Ġunju 2008 — Cerafogli u Paolo Poloni vs BĊE**

**(Kawża F-116/05)** [1]

***(Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Remunerazzjoni — Metodu ta' kalkolu ta' l-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet — Eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti Komunitarja — Att konfermattiv — Inammissibbiltà)***

(2008/C 209/123)

*Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Maria Concetta Cerafogli u Paolo Poloni (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Vandersanden u L. Levi, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. Malfrère u K. Sugar, bħala aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Minn naħa, l-annullament tad-dikjarazzjonijiet tas-salarju tar-rikorrenti għax-xahar ta' Lulju 2001, hekk kif redatti mill-Bank Ċentrali Ewropew f'Mejju 2005, b'eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Novembru 2003, mogħtija fil-kawża T-63/02, Cerafogli u Poloni vs BĊE kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 48 tal-25.2.2005 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-431/05 u ttrasferita lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea b'digriet tal-15.12.2005).